MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Numru. 217/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Omissis**

**Ali Mohammed Mohammed**

**Kumpilazzjoni Numru 217/2014**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzat kontra

Omissis;

u

Ali Mohammed Mohammed, ta’ 18 il-sena, bin Ali Mohammed u Faduma Salah Hassan, imwieled is-Somalia f’l-1 ta’ Jannar 1996 u residenti l-Open Centre Hal-Far, detentur ta’ Police Number 13J 029.

Akkuzati talli nhar is-26 ta’ Frar 2014, ghall-habta tal-4.45pm fi Blata l-Bajda jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. Flimkien ma’ persuni ohra, ikkommettew serq ta’ flus kontanti li kienu mizmuma gewwa kaxxa tad-donazzjonijiet fil-Knisja San Gorg Preca, liema serq huwa kkwwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.237) ghad-dannu tas-Socjeta tad-Duttrina Nisranija u/jew persuni ohra;
2. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe il-kaxxa tad-donazzjonijiet u l-flus imsemmija, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Omissis wahdu akkuzat ukoll talli kkommetta r-reati imsemmija waqt il-perjodu operativ ta’ sentenza sospiza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A.Vella LL.D, fis-7 ta’ Frar 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 263, 264, 267, 269(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumetni esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizij1a, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 263, 264, 267, 269(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib

lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------